IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 2.8.2016
COM(2016) 492 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

Evalwazzjoni ex-post tal-programm Ewropew ta' monitoraġġ tad-dinja (il-GMES) u tal-operazzjonijiet inizjali tiegħu bejn l-2011 u l-2013

{SWD(2016) 262 final}

1. INTRODUZZJONI

Dan ir-rapport jagħti s-sejbiet ewlenin tal-evalwazzjoni *ex-post* tal-programm Ewropew ta' monitoraġġ tad-dinja (il-GMES) u tal-operazzjonijiet inizjali tiegħu (il-GIO) bejn l-2011 u l-2013. Din il-valutazzjoni finali twettqet f'isem il-Kummissjoni biex twieġeb għall-obbligi tagħha imposti mill-Artikolu 14(2) tar-Regolament dwar il-GIO[1] li jgħid li "*Il-Kummissjoni għandha tissottometti lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni rapport ta' valutazzjoni interim sal-31 ta' Diċembru 2012 kif ukoll rapport ta' valutazzjoni ex-post sal-31 ta' Diċembru 2015*".

Flimkien ma' dan ir-rapport hemm dokument ta' ħidma tal-persunal li jipprovdi aktar dettalji. Ir-Rapport Finali tal-kuntrattur, li fuqu hija bbażata l-evalwazzjoni, huwa disponibbli mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet (bin-numru ET 0116321ENN).

2. KUNTEST

Il-programm Ewropew ta' monitoraġġ tad-dinja GMES GIO, li fl-2014 inbidillu ismu għal "Copernicus", huwa programm ewlieni tal-attivitajiet tal-Unjoni Ewropea marbutin mal-ispazju, f'konformità mal-Artikolu 189 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jippermetti lill-UE twettaq attivitajiet marbutin mal-ispazju. Il-GMES GIO kien ukoll wieħed mill-programmi li kellhom jitwettqu skont l-istrateġija Ewropa 2020 għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv u kien inkluż fl-inizjattiva tal-politika industrijali minħabba l-benefiċċji tiegħu għal firxa wiesgħa ta' politiki tal-Unjoni.

Sabiex tirrispondi għall-isfidi dejjem jikbru f'livell globali, l-Ewropa għandha bżonn sistema tagħha stess ta' osservazzjoni koordinata b'mod tajjeb u ta' min jafdaha. Il-GMES GIO kien dik is-sistema.

Il-GMES GIO kien programm fit-tul imsawwar fuq sħubiji bejn l-Unjoni, l-Istati Membri, l-Aġenzija Spazjali Ewropea (l-ESA) u partijiet interessati rilevanti oħrajn Ewropej. Kien ukoll programm li bih l-UE seta' jkollha rwol iktar effettiv mill-Istati Membri individwali fil-kooperazzjoni internazzjonali permezz tal-kollaborazzjoni bilaterali ma' nazzjonijiet oħrajn involuti fil-qasam spazjali jew permezz tal-parteċipazzjoni fl-isforzi globali fil-qasam tal-Osservazzjoni tad-Dinja (pereżempju fil-Grupp dwar l-Osservazzjonijiet tad-Dinja).

Il-GMES GIO kien qed iwassal fehim aħjar ta' kif qed tinbidel dinjietna u b'liema mod qed jiġri dan, kif ukoll ta' kif dan jista' jolqotna fil-ħajja tagħna ta' kuljum. Dan il-programm żgura li dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fl-UE u fl-Istati Membri tagħha jingħataw kontinwament dejta u informazzjoni preċiża u affidabbli dwar kwistjonijiet ambjentali, dwar it-tibdil fil-klima u dwar kwistjonijiet tas-sigurtà. Din l-informazzjoni jeħtiġuha l-awtoritajiet pubbliċi tal-Istati Membri u tar-reġjuni li huma inkarigati jfasslu l-politika u jimplimentawha. Il-Kummissjoni wkoll għandha bżonn din l-informazzjoni sabiex tfassal il-politika u timmonitorjaha abbażi tal-evidenza. Il-GMES GIO kien qed jikkontribwixxi wkoll għall-istabbiltà u t-tkabbir ekonomiku billi kien qed isaħħaħ l-

[1] Ir-Regolament (UE) Nru 911/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2010 dwar il-programm Ewropew ta' monitoraġġ tad-dinja (GMES) u l-operazzjonijiet inizjali tiegħu (2011-2013).

applikazzjonijiet kummerċjali f'bosta setturi permezz ta' aċċess sħiħ u miftuħ għad-dejta u għas-servizzi tal-informazzjoni fil-qasam tal-osservazzjoni tad-dinja.

Sa mill-1998 u sal-2013, l-UE u l-Aġenzija Spazjali Ewropea (l-ESA) allokaw fondi lill-GMES l-aktar għall-attivitajiet tal-iżvilupp fil-qafas ta' proġetti tar-riċerka. Ir-Regolament dwar il-GIO kien jirrappreżenta pass ewlieni għall-programm minħabba li alloka l-ewwel fondi operattivi għat-tranżizzjoni lejn l-operazzjonijiet inizjali fil-perjodu mill-2011 sal-2013.

Ir-Regolament dwar il-GIO msemmi hawn fuq jispjega (fl-Artikolu 2 tiegħu) li l-programm jibni fuq l-attivitajiet iffinanzjati mis-Seba' Programm Kwadru għall-attivitajiet ta' riċerka (l-FP7) u mill-Programm tal-Komponent Spazjali tal-GMES tal-Aġenzija Spazjali Ewropea (l-ESA). Dawn it-tliet elementi jikkumplimentaw lil xulxin u lkoll jiddependu fuq xulxin. Barra minn hekk, dan ir-Regolament jistipula l-kamp ta' applikazzjoni ġenerali tal-programm GMES GIO, li "*għandu jinkludi dan li ġej:*

(a) komponent tas-servizzi li jiżgura l-aċċess għall-informazzjoni bħala appoġġ għall-oqsma li ġejjin:

- *monitoraġġ tal-atmosfera;*
- *monitoraġġ tat-tibdil fil-klima bħala appoġġ għal-linji politiċi ta' adattament u ta' mitigazzjoni;*
- *immaniġġar ta' emerġenzi;*
- *monitoraġġ tal-art;*
- *monitoraġġ tal-ambjent tal-baħar;*
- *sigurtà;*

(b) komponent spazjali li jiżgura osservazzjonijiet sostenibbli tal-ispazju għall-oqsma tas-servizz imsemmija fil-punt (a);

(c) komponent in situ li jiżgura osservazzjonijiet permezz ta' istallazzjonijiet tal-ajru, tal-baħar u tal-art għall-oqsma tas-servizz imsemmija fil-punt (a)."

Inizjalment kien allokat baġit totali ta' EUR 107 miljun għall-attivitajiet imwettqin fil-qafas ta' dan ir-Regolament (ara l-Artikolu 8). Meta mqabbel mal-baġits li tqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-Komponent Spazjali tal-GMES fil-kuntest tal-FP7 u tal-Programm tal-Komponent Spazjali tal-GMES tal-ESA (EUR 715-il miljun u EUR 1.6 biljun rispettivament), huwa ċar li l-attivitajiet iffinanzjati permezz tal-GIO setgħu jindirizzaw biss subsett limitat tal-kamp ta' applikazzjoni ġenerali tal-programm GMES kif iddefinit fl-Artikolu 2. Madankollu, il-fatt li ġiet stabbilita linja operattiva tal-baġit għall-GIO, anki jekk l-ammont kien wieħed żgħir, ukoll kien sinjal importanti fit-tħejjija ta' dak li wara sar il-programm Copernicus.

Dan ġie rrikonoxxut fir-Regolament fl-Artikolu 3, li jgħid li l-attivitajiet operattivi "*jistgħu jinkludu azzjonijiet operattivi fl-oqsma li ġejjin:*

1. *l-oqsma tas-servizz imsemmija fl-Artikolu 2(2)(a);*
2. *miżuri biex jappoġġjaw l-użu tas-servizzi mill-utenti;*
3. *aċċess għal data;*
4. *appoġġ għall-ġbir ta' data in situ;*
5. *il-komponent spazjali tal-GMES.*"

Wara dan, il-kamp ta' applikazzjoni preċiż tal-attivitajiet imwettqin fil-kuntest tal-programm GIO ġie ddefinit fi tliet programmi ta' ħidma annwali u l-Istati Membri approvawh fil-Kumitat tal-GMES.

3. IS-SEJBIET EWLENIN TAL-EVALWAZZJONI

Dan id-dokument huwa bbażat fuq l-evalwazzjoni finali tal-programm ta' operazzjonijiet inizjali (il-GIO) tal-Monitoraġġ Globali tal-Ambjent u s-Sigurtà (il-GMES) matul l-2011 sal-2013, li kienet tifforma parti minn evalwazzjoni usa' li kienet tkopri tliet affarijiet relatati, jiġifieri l-Azzjonijiet Preparatorji tal-GMES, kif ukoll il-partijiet tal-Komponent Spazjali tal-GMES iffinanzjati mill-FP7, kif spjegat fid-dettall fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal mehmuż ma' dan ir-rapport. L-evalwazzjoni kellha żewġ għanijiet globali, li kienu: (i) li jiġu evalwati r-rilevanza, l-effettività, il-koerenza, l-effiċjenza, is-sostenibbiltà u l-valur miżjud Ewropew tal-GMES GIO u (ii) li jiġu deskritti l-valur ġenerali għas-soċjetà, f'termini tal-bilanċ bejn l-investiment li jkun sar fl-infrastruttura fil-qasam tal-ispazju u s-servizzi offruti f'dan il-qasam, u l-valur tad-dejta miġbura għas-servizzi magħżulin.

L-evalwazzjoni twettqet minn kuntrattur estern li adotta metodoloġija mħallta li kienet tinkludi riċerka bbażata fuq id-dokumentazzjoni, intervisti mal-partijiet interessati u konsultazzjoni mmirata. Il-ġbir tad-dejta kien jinkludi reviżjoni tad-dokumenti eżistenti bbażata fuq id-dokumentazzjoni (pereżempju r-Regolamenti tal-UE, l-evalwazzjonijiet interim, il-programmi ta' ħidma tal-GIO, id-dejta amministrattiva u l-istatistika dwar l-użu), kwestjonarju onlajn immirat lejn il-kategoriji kollha tal-partijiet interessati, stħarriġ żgħir dwar l-industrija li kien immirat b'mod speċifiku għall-kuntratturi li "bnew" il-komponent spazjali tal-GMES u programm ta' intervisti semistrutturati mmirati ma' individwi rilevanti minn fost il-gruppi ewlenin tal-partijiet interessati. Aktar minn 400 persuna ntalbu jieħdu sehem f'intervista jew jimlew il-kwestjonarju u saru konsultazzjonijiet ma' 170 ruħ waqt li kien qed isir l-istudju. Madankollu, il-konsultazzjoni onlajn ġiet irriklamata ħafna permezz tad-Direttorat Ġenerali għas-Suq Intern, l-Industrija, l-Intraprenditorija u l-SMEs, l-ESA, l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (l-EEA) u ċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (l-JRC), u kienet miftuħa għall-pubbliku. L-analiżi tal-partijiet interessati enfasizzat erba' gruppi ewlenin: il-mexxejja tal-politika u partijiet ewlenin oħrajn involuti fil-governanza tal-inizjattiva; l-operaturi tas-servizzi tal-GMES; l-utenti tas-servizzi tal-GMES fis-settur pubbliku u f'dak privat; l-industrijalisti li għinu biex tinbena l-infrastruttura. L-għadd ta' tweġibiet mill-intervisti u mill-konsultazzjoni kien pjuttost żgħir, u dan kien jirrifletti n-natura speċifika tal-GMES u l-għadd żgħir ta' nies u ta' organizzazzjonijiet li jafu dwar dawn l-attivitajiet. Id-dejta analizzata kienet limitata għal ċerti servizzi, minħabba li d-dejta għas-servizzi kollha tal-programm Copernicus kellha tinxtara mingħand il-missjonijiet spazjali nazzjonali eżistenti sa ma tnediet l-ewwel satellita apposta għal dan (imsejħa "Sentinel 1") f'April tal-2014, meta l-programm Copernicus ħa post il-GIO.

Ħames snin wara li ġie ppubblikat ir-Regolament dwar il-GMES GIO fl-2010, il-programm GMES, flimkien ma' kull wieħed mis-sitt servizzi tiegħu, għad għandu rwol importanti fil-qadi tal-ħtiġijiet ta' dawk li jfasslu l-politika fl-Ewropa u tas-servizzi pubbliċi Ewropej għall-informazzjoni. Barra minn hekk, jinqalgħu prijoritajiet politiċi ġodda, bħat-tibdil fil-klima jew il-migrazzjoni, u jista' jkun li dawn iġibu magħhom il-bżonn għal kapaċitajiet ġodda ta' osservazzjoni tad-dinja u għal servizzi ġodda bbażati fuq l-osservazzjoni tad-dinja.

B'mod ġenerali, il-programm GIO ta kontribuzzjoni effettiva għall-għanijiet iddikjarati tiegħu, spjegati fid-dettall fl-Anness tar-Regolament (UE) Nru 911/2010. Huwa kellu

impatt pożittiv fuq l-iżvilupp tal-programm attwali Copernicus, billi waqqaf tnejn missitt servizzi tiegħu, ikkoordina l-aċċess għal dejta oħra dwar l-ispazju u ta' fuq il-post u kkontribwixxa għall-iżvilupp, il-bini, it-tnedija u l-operat tas-satelliti msejħin "Sentinel". Madankollu, il-fondi limitati disponibbli ma ppermettewx li jiġu implimentati l-erba' servizzi l-oħra u l-programm ma laħaqx l-għanijiet tiegħu marbutin mal-użu min-naħa tal-utenti u mal-iżvilupp tas-settur downstream. Il-biċċa l-kbira tal-partijiet interessati kkonsultati jqisu li dan id-dominju għadu kollu xogħol fl-idejn allura, filwaqt li l-biċċa l-kbira tan-nies huma pjuttost issodisfati b'dak li kisbet l-inizjattiva tal-GMES GIO, għad hemm ħafna punti fejn jeħtieġ li jsir iktar.

Kien hemm ħafna suċċessi operattivi konkreti marbutin mal-kontribuzzjonijiet tal-programm GIO għall-politika tal-UE, fosthom l-użu dejjem akbar tas-servizzi ta' monitoraġġ tal-art (LMS) u tas-servizzi ta' ġestjoni tal-emerġenzi (EMS) minn dawk li jfasslu l-politika u mill-aġenziji pubbliċi fl-oqsma tal-agrikultura, tal-ambjent u tat-tibdil fil-klima. Is-servizzi tal-EMS intużaw biex jappoġġaw ir-rekwiżiti tal-informazzjoni ta' diversi aġenziji governattivi, pereżempju dwar l-għargħar, it-terremoti, in-nirien u perikli ambjentali oħrajn. Il-programm GIO wessa' b'mod sinifikanti l-bażi tal-utenti tiegħu u żied l-użu tas-servizzi tiegħu marbutin mal-art u mal-emerġenzi. Il-komponent spazjali pprovda d-dejta għall-operazzjoni inizjali tas-servizzi mingħand il-missjonijiet li jikkontribwixxu għall-GMES, li nxtrat mingħand missjonijiet kummerċjali jew li ngħatat b'xejn minn missjonijiet pubbliċi. B'rabta mas-satelliti msejħin "Sentinel", il-programm issodisfa l-għanijiet tiegħu u sewa ta' bażi għat-tnedija tal-programm suċċessur tiegħu, Copernicus, u għalhekk f'dan is-sens ukoll il-programm GIO jitqies li kien suċċess.

Il-programm ta r-riżultati mitluba bi spejjeż raġonevoli u proporzjonati. Il-komponent spazjali tal-GMES wassal għal benefiċċji diretti sostanzjali għall-industrija spazjali Ewropea, b'aktar minn 230 fornitur jibbenefikaw minn EUR 530 miljun f'kuntratti tal-ESA, fosthom 48 SME. Meta wieħed juża l-istatistika industrijali ġenerika biex joħroġ stima tal-effetti konsegwenzjali għall-investimenti, filwaqt li jżomm l-istimi fil-livell inferjuri, il-benefiċċji totali għas-soċjetà li toħloq l-infrastruttura tal-GMES jilħqu sa EUR 3 biljun. Huwa diffiċli li wieħed jikkalkula l-benefiċċji soċjoekonomiċi usa' f'dan l-istadju, pereżempju sa liema punt l-operazzjonijiet inizjali tal-GMES ppermettew li jsir iffrankar permezz ta' titjib fit-twissijiet bikrin jew fir-rispons f'emerġenza. Madankollu, minħabba d-daqs tat-tfixkil ekonomiku, anki kontribut ta' 1 % għat-tipi kollha ta' emerġenzi jipproduċi ffrankar annwali ta' għexieren ta' miljuni ta' Euro, li huwa ferm iktar mill-ispiża annwali għat-tħaddim tas-servizz kollu ta' emerġenza (li hija ta' EUR 4 sa 5 miljun fis-sena).

L-effiċjenza li biha nħoloq il-programm GIO u li biha ġiet żgurata l-kontinwità tas-servizzi hija kontrobilanċjata mill-appoġġ inqas pożittiv għall-adozzjoni, għall-aċċess għad-dejta mingħand il-missjonijiet li jikkontribwixxu għall-programm, għall-appoġġ għall-applikazzjonijiet downstream u għall-koordinazzjoni tad-dejta.Minn naħa waħda, din tirrefletti għażla ta' prijorità għall-impenji finanzjarji rilevanti li ngħatat lill-komponent spazjali u mhux lill-iżvilupp tas-servizzi. Madankollu, il-programm tmexxa tajjeb iżda ma kellux biżżejjed riżorsi sabiex jiddedika iktar input u iktar riżorsi biex isolvi x-xkiel marbut mad-dejta jew biex iniedi servizzi estiżi għal ċerti gruppi ta' utenti jew strateġiji innovattivi tal-akkwist.

Il-GMES jipprovdi wkoll valur miżjud sostanzjali permezz tal-provvista ta' dejta u teknoloġija armonizzati applikati fl-Istati Membri kollha tal-UE b'rabta ma' kwistjonijiet transkonfinali u permezz tal-aggregazzjoni tad-dejta armonizzata rrappurtata mill-Istati Membri fil-livell tal-UE b'mod armonizzat. L-aċċess għal dejta omoġenja u għal prodotti

derivati minnha għall-UE kollha u lil hinn minnha tfisser valur miżjud reali għal firxa wiesgħa ta' politiki Ewropej.

Il-programm kellu effetti pożittivi fuq il-kooperazzjoni fl-UE u dik internazzjonali u ppermetta l-ħolqien ta' sistema Ewropea permanenti ta' monitoraġġ tad-dinja, f'konformità mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-istrateġija Ewropa 2020, li fiha l-GMES tqies bħala komponent ewlieni tal-politika Ewropea dwar l-ispazju u bħala mezz biex wieħed jgħin biex jiġu indirizzati l-isfidi globali ewlenin. L-inizjattiva tipprovdi livelli għoljin ta' valur miżjud Ewropew. L-ebda pajjiż tal-UE ma seta' joħloq sistema simili waħdu u l-programmi nazzjonali ovvjament jilħqu biss għadd limitat ta' funzjonijiet f'livelli aktar baxxi ta' funzjonalità. Il-GMES offra livelli ogħla ta' kontinwità żgurata tas-servizz, meta mqabbel ma' dak kollu disponibbli fid-dinja: kopertura sħiħa u permanenti ta' sensuri ta' osservazzjoni tad-dinja.

Il-GIO wera kemm hu utli permezz tal-appoġġ li ta lill-Istati Membri waqt diversi fenomeni ta' għargħar estrem (pereżempju fil-Polonja) jew ta' nirien fil-foresti, kif ukoll għad-dejta dwar il-previżjonijiet tar-rendiment tal-għelejjel u għall-monitoraġġ tal-bijodiversità, tal-iżvilupp urban, tal-baċiri tal-ilma, tax-xmajjar, tal-lagi, tas-silġ u għal ħafna affarijiet oħrajn.

B'rabta mal-kwistjoni tas-sostenibbiltà tat-tibdil li ġab miegħu l-programm GMES GIO, l-evalwazzjoni tissuġġerixxi li dan se jħalli legat f'termini ta' għażliet aħjar tal-politika jew ta' tisħiħ tal-kapaċitajiet teknoloġiċi. Madankollu, id-diversi servizzi jixbhu lil kull utilità, jiġifieri huma ta' valur waqt li jkunu qed jaħdmu; jekk titfihom, il-proċessi operattivi u ta' teħid tad-deċiżjonijiet li huma jappoġġjaw malajr ikollhom bżonn imorru lura għal inputs alternattivi, jew ma jibqgħux jaħdmu tajjeb. Għalhekk, il-kontinwità tal-provvista tas-servizzi hija meqjusa bħala xi ħaġa neċessarja. Għall-manifatturi u l-kumpaniji tas-servizzi tekniċi li bnew l-infrastruttura u li pprovdew ħafna mill-komponent tas-servizzi, il-kuntratti se jkollhom effett pjuttost fit-tul u se jagħtuhom vantaġġ kompetittiv li n-nies qed jantiċipaw li jista' jdum ħames snin jew aktar. L-opportunitajiet għar-rivendituri ta' valur miżjud u għan-negozji downstream għad iridu jiġu ċċarati fuq skala reali.

4. IR-RAKKOMANDAZZJONIJIET EWLENIN U L-AZZJONIJIET TA' SEGWITU

Ir-Regolament li jistabbilixxi l-programm Copernicus (2013) qed jiġi implimentat, u hemm kemm impenn biex jiġu ffinanzjati s-servizzi ta' dan il-programm kif ukoll impenn biex jitlestew l-investimenti fl-infrastruttura spazjali tiegħu. It-tħassib ewlieni tal-partijiet interessati tal-programm GIO, jiġifieri s-sostenibbiltà tiegħu, ġiet indirizzata permezz tal-ħolqien tal-programm Copernicus. Madankollu, l-evalwaturi saħqu fuq diversi aspetti fejn xorta waħda jista' jkun għadu siewi li wieħed ikompli jagħtihom l-attenzjoni jew li wieħed jagħtihom iktar attenzjoni.

- *"It-tisħiħ tal-orjentazzjoni tas-servizzi ewlenin lejn l-utenti, bi strateġiji espliċiti msejsin fuq il-ħtiġijiet funzjonali u tal-informazzjoni ta' segmenti ewlenin tas-suq, u li mhumiex daqshekk ikkontrollati mill-ambizzjonijiet teknoloġiċi tas-settur spazjali."*
  Fl-2015 il-Kummissjoni nediet proċess wiesa' biex tara x'inhuma r-rekwiżiti tal-utenti, kemm dawk attwali kif ukoll dawk futuri. Bħala parti mill-implimentazzjoni tagħhom, is-servizzi tal-programm Copernicus għandhom iwettqu stħarriġ dwar kemm huma ssodisfati l-utenti li se jgħin b'mod partikulari biex dawn jiġu adattati għall-bżonnijiet tal-utenti fil-livell ta' ħidma.

- *"It-tkomplija tal-investiment fl-użu min-naħa tal-utenti, kemm fi gruppi ta' klijenti istituzzjonali u kemm f'dawk mis-settur privat, u b'mod partikulari t-tisħiħ tal-iżvilupp ta' studji tal-każijiet ta' impatt sostanzjali li juru l-benefiċċji."*
  Ġew iffirmati kuntratt qafas u l-ewwel kuntratt speċifiku biex jiżdied l-użu min-naħa tal-utenti u dan se jippermetti approċċ iktar sistematiku u sostenibbli għal dawn l-aspetti. Is-servizzi tal-programm Copernicus diġà bdew miżuri kumplimentari speċifiċi għas-servizzi.

- *"Iż-żieda fl-interazzjoni mal-Istati Membri u mal-awtoritajiet reġjonali fl-istrutturi tal-governanza (u fil-proċessi konsultattivi) tas-servizzi ewlenin, sabiex tinkiseb koordinazzjoni mtejba, tiġi promossa iktar sinerġija u jiġu appoġġati l-eliminazzjoni tal-isforzi doppji bejn il-livelli territorjali u iktar integrazzjoni tad-dejta dwar l-ispazju u dik miksuba fuq il-post, sabiex jintuża bl-aqwa mod il-proċess tal-INSPIRE. Iż-żieda fil-kooperazzjoni internazzjonali u fl-istandardizzazzjoni se tkun ta' siwi wkoll."*
  Minbarra l-interazzjoni formali mal-Istati Membri fil-qafas tal-kumitat tal-programm, inħolqu gruppi speċifiċi li fihom huma involuti l-Istati Membri, kif ukoll l-entitajiet ta' implimentazzjoni, jiġifieri l-ESA, l-EUMETSAT, l-EEA, il-FRONTEX, l-EMSA, l-ECMWF, il-Mercator u dalwaqt l-EUSC ukoll, bil-għan li jarmonizzaw u jisfruttaw l-assi disponibbli kollha sal-ikbar ammont possibbli. Il-kooperazzjoni internazzjonali hija parti integrali mill-programm Copernicus.

- *"It-tkomplija tal-appoġġ għall-innovazzjoni kemm fis-servizzi ewlenin kif ukoll fil-pjattaformi tagħhom, sabiex jintużaw iktar il-kollegamenti tad-dejta (u l-Big Data b'mod iktar ġenerali). Il-bidla għal mekkaniżmu ta' finanzjament aktar operattiv hija waħda pożittiva ħafna. Madankollu, għad hemm argument biex ikomplu jiġu appoġġati x-xogħol aktar esplorattiv u r-riflessjoni dwar il-programm tat-tielet ġenerazzjoni, kemm mil-lat tas-servizzi kif ukoll tal-infrastruttura. Għalhekk ikun utli li jinżamm xi tip ta' baġit għar-riċerka għal din l-attività fundamentali aktar riskjuża, forsi permezz tal-programm Orizzont 2020 u s-suċċessur tiegħu."*
  Is-Segment Integrat tal-Art mistenni jwassal għal titjib sinifikanti fil-kapaċitajiet ta' kollegament tad-dejta u tal-Big Data. Barra minn hekk, is-servizzi tal-programm Copernicus jieħdu b'kuntratt attivitajiet tal-"innovazzjoni applikata" sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet speċifiċi u mmirati ta' innovazzjoni fuq perjodu qasir. B'mod parallel, il-programm Copernicus jagħti dokumenti ta' gwida lill-maniġers tal-programmi tar-riċerka tal-UE, sabiex imexxu 'l quddiem is-suġġetti rispettivi tal-programm Orizzont 2020 dwar l-evoluzzjoni tat-teknoloġija spazjali jew l-evoluzzjoni tas-servizzi tal-programm Copernicus.

- *"Iż-żieda sostanzjali fl-appoġġ disponibbli għall-iżvilupp ta' applikazzjonijiet downstream, fosthom aċċess universali u faċli għas-satelliti tal-programm Copernicus u għad-dejta ta' fuq il-post tiegħu, b'enfasi partikulari fuq l-inċentivi għan-negozji li jkunu iżgħar, u l-iżgurar tal-fatt li l-istituzzjonijiet pubbliċi li jkunu jinsabu fil-qalba tas-servizzi ewlenin jkollhom il-kapaċità jagħtu aċċess għal dawk is-servizzi u/jew għal dik id-dejta, jew ikollhom inċentivi biex jagħmlu dan, sabiex ikunu jistgħu jsiru x-xogħol ta' riċerka u żvilupp, il-ħolqien ta' prototipi u d-dimostraturi."*
  L-iżvilupp tas-settur downstream huwa element ċentrali tal-attivitajiet tal-programm marbutin mal-użu. Minħabba diversi raġunijiet, mil-lat legali huwa diffiċli li jiġu ffinanzjati direttament applikazzjonijiet speċifiċi lokali jew nazzjonali ta' osservazzjoni tad-dinja u ħafna drabi dan lanqas ma jkun effettiv. Fi programmi differenti tal-programm Orizzont 2020 jeżisti xi finanzjament li huwa aċċessibbli għal dawk l-applikazzjonijiet, speċjalment għall-SMEs. Il-miżuri speċifiċi tal-programm

Orizzont 2020 għandhom fil-mira tagħhom lill-utenti tas-settur pubbliku. Sar stħarriġ tat-testi ġuridiċi tal-UE f'diversi oqsma tal-politika u bħalissa dan qed jiġi analizzat sabiex jiġu identifikati l-ostakli jew ix-xkiel li hemm biex l-utenti tas-settur pubbliku jużaw il-programm Copernicus.

- Minbarra dawn ir-rakkomandazzjonijiet, l-aċċess għad-dejta ta' referenza tal-Istati Membri u l-kundizzjonijiet tal-użu relatati ma' dan għadhom iservu ta' xkiel għal użu aħjar. Għandhom jitkomplew l-isforzi biex tinħoloq dejta ta' referenza ġeospazjali miftuħa madwar l-UE kollha.